



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9554/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0080 (NLE)

AVIATION 70
RELEX 676
COEST 426

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan dwar
ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

FTEHIM
BEJN L-UNJONI EWROPEA
U L-GVERN TAR-REPUBBLIKA TAL-KAŻAKISTAN
DWAR ĊERTI ASPETTI TAS-SERVIZZI TAL-AJRU

L-UNJONI EWROPEA,

min-naħa waħda, u

IL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TAL-KAŻAKISTAN,

min-naħa l-oħra,

minn hawn' il quddiem imsejħa "il-Partijiet Kontraenti",

FILWAQT LI JINNUTAW li skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea t-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom id-dritt għal aċċess mingħajr diskriminazzjoni għar-rotot tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-Unjoni Ewropea talbet li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jinġiebu f'konformità mal-liġi tal-Unjoni Ewropea sabiex tiġi stabbilita bażi legali soda għas-servizzi tal-ajru bejn ir-Repubblika tal-Każakistan u l-Unjoni Ewropea u sabiex tiġi ppreservata l-kontinwità ta' tali servizzi tal-ajru,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-kwistjonijiet kollha relatati mal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jridu jkunu konformi mal-liġijiet applikabbli tal-Partijiet Kontraenti,

FILWAQT LI JINNUTAW li f'dan il-Ftehim mhuwiex objettiv tal-Unjoni Ewropea li żżid il-volum totali tat-traffiku tal-ajru bejn ir-Repubblika tal-Każakistan u l-Unjoni Ewropea, li taffettwa l-bilanċ bejn it-trasportaturi tal-ajru tar-Repubblika tal-Każakistan u tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea, jew li tinneogzja emendi għad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru li jikkonċernaw id-drittijiet tat-traffiku,

FILWAQT LI JINNUTAW li l-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru elenkati fl-Anness I huma bbażati fuq il-prinċipju ġenerali li t-trasportaturi tal-ajru ddeżinjati tal-Partijiet Kontraenti għandu jkollhom opportunitajiet ġusti u ugwali fl-operat tas-servizzi miftiehma fuq ir-rotot speċifikati, u li mhuwiex l-iskop ta' dan il-Ftehim li jiġi affettwat dan il-prinċipju,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim,
 - (1) "Stat Membru" jfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
 - (2) "parti" tfisser parti kontraenti għall-ftehim bilaterali rilevanti jew arranġament ieħor elenkat fl-Anness I;
 - (3) "trasportatur tal-ajru" jfisser ukoll linja tal-ajru.
2. Ir-referenzi f'kull ftehim u arranġamenti oħra elenkati fl-Anness I għaċ-ċittadini tal-Istat Membru li huwa parti għal dak il-ftehim għandhom jinftehm u bħala referenzi għaċ-ċittadini tal-Istati Membri.
3. Ir-referenzi f'kull ftehim u arranġamenti oħra elenkati fl-Anness I għat-trasportaturi tal-ajru jew għal-linji tal-ajru tal-Istat Membru li huwa parti f'dak il-ftehim għandhom jinftehm u bħala referenzi għat-trasportaturi tal-ajru ddeżinjati minn dak l-Istat Membru.
4. Dan il-Ftehim ma għandux jgħodq drittijiet tat-traffiku addizzjonali lil hinn minn dawk stabbiliti fil-ftehimiet elenkati fl-Anness I u ma għandux jemenda l-għadd ta' trasportaturi tal-ajru li jistgħu jiġu ddeżinjati skont l-arranġamenti bilaterali. L-għoti ta' drittijiet tat-traffiku ser ikompli jsir permezz ta' arranġamenti bilaterali.

ARTIKOLU 2

Deżinjazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2, 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu għalihom elenkati fl-Anness II, punti (a) u (b) fir-rigward tad-deżinjazzjoni ta' trasportatur bl-ajru mill-Istat Membru kkonċernat jew mill-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u tal-awtorizzazzjonijiet u permessi tiegħu mogħtija mill-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan jew mill-Istat Membru kkonċernat, u tar-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet jew tal-permessi tat-trasportatur bl-ajru, rispettivament.
2. Mal-wasla ta' deżinjazzjoni minn Stat Membru, u tal-applikazzjonijiet mit-trasportatur tal-ajru deżinjat, fil-forma u l-mod preskritt, il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan għandu jagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi xierqa bl-inqas dewmien proċedurali possibbli, sakemm:
 - (i) it-trasportatur tal-ajru jkun stabbilit skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fit-territorju tal-Istat Membru deżinjatur u jkollu liċenzja operattiva valida f'konformità mal-liġi tal-Unjoni Ewropea; u
 - (ii) il-kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru jkun eżerċitat u miżmum mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ ta' Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru tiegħu u l-awtorità ajrunawtika rilevanti hija identifikata b'mod ċar fid-deżinjazzjoni; u
 - (iii) it-trasportatur tal-ajru jkun, direttament jew b'magħġoranza ta' ishma, proprjetà ta', u jkun effettivament ikkontrollat minn, Stati Membri u/jew minn ċittadini ta' Stati Membri, u/jew minn stati oħrajn elenkati fl-Anness III u/jew minn ċittadini ta' tali stati oħrajn.

3. Mal-wasla ta' deżinjazzjoni mill-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan, u tal-applikazzjonijiet mit-trasportatur tal-ajru deżinjat, fil-forma u l-mod preskritt, l-Istat Membru għandu jagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi xierqa bl-inqas dewmien proċedurali possibbli, sakemm:

- (i) it-trasportatur tal-ajru jkun stabbilit fit-territorju tar-Repubblika tal-Każakistan u jkollu liċenzja operattiva valida maħruġa mir-Repubblika tal-Każakistan; u
- (ii) jiġi eżerċitat u miżmum kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru mill-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan; u
- (iii) it-trasportatur tal-ajru huwa proprjetà, direttament jew permezz ta' sjieda maġġoritarja, u huwa effettivament ikkontrollat mir-Repubblika tal-Każakistan u/jew miċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Każakistan.

4. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan jista' jirrifjuta, jirrevoka, jissospendi jew jillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' trasportatur tal-ajru ddeżinjat minn Stat Membru meta:

- (i) it-trasportatur tal-ajru ma jkunx stabbilit skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fit-territorju tal-Istat Membru deżinjatur jew ma jkollux liċenzja operattiva valida f'konformità mal-liġi tal-Unjoni Ewropea; jew
- (ii) ma jkunx ġie eżerċitat u miżmum kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ ta' Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru tiegħu, jew l-awtorità ajrunawtika rilevanti mhijiex identifikata b'mod ċar fid-deżinjazzjoni; jew

- (iii) it-trasportatur tal-ajru ma jkunx, direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, il-proprietà tal-Istati Membri, jew ma jkunx ikkontrollat b'mod effettiv minnhom u/jew miċ-ċittadini tal-Istati Membri, u/jew minn stati oħrajn mniżżlin fl-Anness III u/jew minn ċittadini ta' tali stati oħrajn; jew
- (iv) it-trasportatur tal-ajru jkun diġà awtorizzat jopera skont ftehim bilaterali bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u Stat Membru ieħor, u jista' jintwera li, billi jeżerċita d-drittijiet tat-traffiku fuq rotta li tinkludi punt f'dak l-Istat Membru l-ieħor, inkluż l-operat ta' servizzi li huma kkummerċjalizzati bħala, jew jikkostitwixxu b'xi mod ieħor permezz ta' servizzi, it-trasportatur tal-ajru jkun qed jevita r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tat-traffiku imposti mill-ftehim bilaterali bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u dak l-Istat Membru l-ieħor; jew
- (v) it-trasportatur tal-ajru jkollu Ċertifikat tal-Operaturi tal-Ajru maħruġ minn Stat Membru u ma jkun hemm l-ebda ftehim bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru jew arranġament ieħor bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u dak l-Istat Membru, u dak l-Istat Membru jkun ċaħad id-drittijiet tat-traffiku lit-trasportaturi tal-ajru ddeżinjati mill-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan.

Fl-eżerċizzju tad-dritt tiegħu skont dan il-paragrafu, il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan ma għandux jiddiskrimina bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea abbażi tan-nazzjonalità.

5. L-Istat Membru jista' jirrifjuta, jirrevoka, jissospendi jew jillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' trasportatur tal-ajru ddeżinjat mill-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan meta:

- (i) it-trasportatur tal-ajru ma jkunx stabbilit fit-territorju tar-Repubblika tal-Każakistan jew ma jkollux liċenzja operattiva valida maħruġa mir-Repubblika tal-Każakistan; jew

- (ii) ma jiġix eżerċitat u miżmum kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru mill-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan; jew
- (iii) it-trasportatur tal-ajru mhuwiex proprjetà, direttament jew permezz ta' sjieda maġġoritarja, jew mhuwiex effettivament ikkontrollat mir-Repubblika tal-Każakistan u/jew miċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Każakistan.

ARTIKOLU 3

Sikurezza

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti elenkati fl-Anness II, punt (c).
2. Fejn Stat Membru ikun iddeżinja trasportatur bl-ajru li l-kontroll regolatorju tiegħu huwa eżerċitat u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet tal-Gvern Repubblika tal-Każakistan skont id-dispożizzjonijiet ta' sikurezza tal-ftehim bejn l-Istat Membru li ddeżinja t-trasportatur bl-ajru u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan għandhom japplikaw ugwalment fir-rigward tal-adozzjoni, l-eżerċizzju jew il-manteniment ta' standards tas-sikurezza minn dak l-Istat Membru l-ieħor u fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' dak it-trasportatur bl-ajru.

ARTIKOLU 4

Annessi tal-Ftehim

L-Annessi ta' dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

ARTIKOLU 5

Konsultazzjonijiet, reviżjoni jew emenda

1. Il-Partijiet Kontraenti jistgħu, fi kwalunkwe ħin, jirrevedu jew jemendaw dan il-Ftehim bi qbil reċiproku.
2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jimmonitorjaw u jirrevedu regolarment l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Tali reviżjonijiet għandhom b'mod partikolari jivvalutaw kwalunkwe effetti negattivi mhux previsti tal-Ftehim, kif perċepit minn kwalunkwe Parti Kontraenti.
3. Jekk mitluba minn xi waħda mill-Partijiet Kontraenti, il-Partijiet Kontraenti għandhom iżommu konsultazzjonijiet sabiex jiddiskutu reazzjonijiet xierqa għal dawn l-effetti negattivi mhux previsti, u b'segwitu ta' dan, il-Ftehim jista' jiġi rivedut jew emendat. Tali konsultazzjonijiet għandhom isiru fi żmien 60 jum mit-talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti.

ARTIKOLU 6

Dħul fis-seħħ

1. Kull Parti Kontraenti għandha tibgħat permezz ta' mezzi diplomatiċi lill-Parti Kontraenti l-oħra n-notifika li tikkonferma li l-proċeduri interni tagħha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ikunu tlestew.
2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar ta' wara x-xahar li fih tkun waslet l-aħħar notifika prevista fil-paragrafu 1.
3. In-notifiki previsti fil-paragrafu 1 għandhom jintbagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Ministeru tat-Trasport tar-Repubblika tal-Każakistan jew lis-suċċessuri rispettivi tagħhom.
4. Ftehimiet u arranġamenti oħra bejn Stati Membri u r-Repubblika tal-Każakistan li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhumiex jiġu applikati provviżorjament huma elenkati fl-Anness I, punt (b). Dan il-Ftehim għandu japplika għal tali ftehimiet u arranġamenti kollha mad-dħul fis-seħħ jew mal-applikazzjoni provviżorja tagħhom.

ARTIKOLU 7

Terminazzjoni

1. Kull parti kontraenti tista', fi kwalunkwe żmien, tagħti avviż bil-miktub permezz ta' mezzi diplomatiċi dwar id-deċiżjoni tagħha li ttemm dan il-Ftehim. F'każ bħal dan, il-Ftehim għandu jintemm sitt xhur wara d-data tal-wasla tal-avviż mill-Parti Kontraenti l-oħra, sakemm l-avviż tat-terminazzjoni ma jiġix irtirat qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu.
2. Fil-każ li ftehim elenkat fl-Anness I jintemm, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jieqfu japplikaw għal dak il-ftehim mid-data ta' tali terminazzjoni. Ir-referenzi f'dan il-Ftehim għall-ftehim mitmum għandhom jitqiesu nulli u bla effett minn dik id-data.
3. Fil-każ li l-ftehimiet kollha elenkati fl-Anness I jintemmu, dan il-Ftehim għandu jintemm fid-data tat-terminazzjoni tal-aħħar ftehim bħal dan.

Magħmul f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Irlandiża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża, bil-lingwa Każakistana u Russa, bit-testi kollha ugwalment awtentiċi.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji, debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi [...], illum il-[...] jum ta' [..., ...].

Għall-Unjoni Ewropea

Għall-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan

Il-lista ta' ftehimiet u arranġamenti oħra
msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

- (a) Il-Ftehimiet u arranġamenti oħra bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u Stati Membri li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, daħlu fis-seħħ jew qed jiġu applikati provviżorjament, kif emendati
- Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Gvern tar-Repubblika tal-Awstrija ffirmat f'Almaty fis-26 ta' April 1993, imsejjaħ “il-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Awstrija” fl-Anness II;
 - Il-Memorandum ta' Ftehim dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-awtoritajiet ajrunawtiċi tar-Repubblika ta' Ċipru u l-awtoritajiet ajrunawtiċi tar-Repubblika tal-Każakistan iffirmat f'Astana fil-25 ta' Marzu 2024, imsejjaħ “il-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Każakistan u Ċipru” fl-Anness II;
 - Il-Memorandum ta' Ftehim bejn id-delegazzjonijiet li jirrappreżentaw l-awtoritajiet ajrunawtiċi tar-Repubblika tal-Każakistan u r-Repubblika Ċeka, iffirmat f'Nassau, fil-Bahamas, fis-6 ta' Diċembru 2016, imsejjaħ “il-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Każakistan u r-Repubblika Ċeka” fl-Anness II;
 - Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja ffirmat f'Bonn fil-15 ta' Marzu 1996, imsejjaħ “il-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Ġermanja” fl-Anness II;

- Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Ungerija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan ffirmat f'Almaty fid-9 ta' Marzu 1995, imsejjaħ "il-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Ungerija" fl-Anness II;
- Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja ffirmat f'Vilnius fil-21 ta' Lulju 1993, imsejjaħ "il-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Litwanja" fl-Anness II;
- Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja ffirmat f'Varsavja fis-27 ta' Novembru 1997, imsejjaħ "il-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Polonja" fl-Anness II;
- Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Gvern tar-Renju tad-Danimarka inizjalat f'Almaty fis-26 ta' April 1996, imsejjaħ "il-Ftehim bejn il-Każakistan u d-Danimarka" fl-Anness II;
- Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Gvern tar-Renju tal-Iżvezja ffirmat f'Almaty fis-26 ta' April 1996, imsejjaħ "il-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Iżvezja" fl-Anness II;
- Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Finlandja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan iffirmat f'Almaty fis-7 ta' Frar 1996, imsejjaħ "il-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Finlandja (1996)" fl-Anness II.

- (b) Il-ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u Stati Membri li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhumiex qed jiġu applikati b'mod provviżorju, kif emendati
- Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Gvern tar-Renju tal-Belġju relatat mas-Servizzi tal-Ajru ffirmat fi Brussell fis-27 ta' Ġunju 2000, imsejjaħ “il-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Belġju” fl-Anness II;
 - Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija relatat mas-Servizz tal-Ajru ffirmat f'Sofia fil-15 ta' Settembru 1999, imsejjaħ “il-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Bulgarija” fl-Anness II;
 - Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Gvern tar-Repubblika tal-Finlandja ffirmat f'Astana fis-16 ta' Mejju 2018, imsejjaħ “il-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Finlandja (2018)” fl-Anness II;
 - Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Gvern tar-Repubblika tal-Estonja relatat mas-Servizzi tal-Ajru inizjalat f'Astana fis-26 ta' April 2001, imsejjaħ “il-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Estonja” fl-Anness II;
 - Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża ffirmat f'Astana fil-21 ta' Ġunju 2016, imsejjaħ “il-Ftehim bejn il-Każakistan u Franza” fl-Anness II;

- Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Gvern tar-Renju tan-Netherlands iffirmat f'The Hague fis-27 ta' Novembru 2002, imsejjaħ “il-Ftehim bejn il-Każakistan u n-Netherlands” fl-Anness II;
 - Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Gvern tar-Repubblika tal-Latvja ffirmat f'Almaty fid-19 ta' Mejju 1998, imsejjaħ “il-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Latvja” fl-Anness II;
 - Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu ffirmat f'Astana fil-21 ta' Mejju 2015, imsejjaħ “il-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Lussemburgu” fl-Anness II.
-

Il-lista tad-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet u arranġamenti oħra elenkati fl-Anness I
u msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan il-Ftehim

(a) Deżinjazzjoni, awtorizzazzjonijiet u permessi:

- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Awstrija;
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Belġju;
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Bulgarija;
- l-Punt 1 tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Każakistan u Ċipru;
- il-Punt 2 tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Każakistan u r-Repubblika Ċeka;
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u d-Danimarka;
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Estonja;
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u Franza;
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Finlandja (1996);
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Finlandja (2018);
- l-Artikolu 3(2) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Ġermanja minkejja r-referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(3);
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Ungerija;
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u n-Netherlands;
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Latvja;
- l-Artikolu 4(1) u (2) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Litwanja;
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Lussemburgu;
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Polonja;
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Iżvezja.

(b) Rifjut, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' awtorizzazzjonijiet jew permessi:

- l-Artikolu 3(3) u (5) u l-Artikolu 4(1) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Awstrija;
- l-Artikolu 5(1) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Belġju;
- il-Punt 1 tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Każakistan u Ċipru;
- il-Punt 2 tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Każakistan u r-Repubblika Ċeka;
- l-Artikolu 5(1) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Bulgarija;
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u d-Danimarka;
- l-Artikolu 3(1) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Estonja;
- l-Artikolu 5(1) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u Franza;
- l-Artikolu 4(1) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Finlandja (1996);
- l-Artikolu 4(1) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Finlandja (2018);
- L-ewwel sentenza tal-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Ġermanja - biss sal-punt tal-kundizzjonijiet għal rifjut, revoka, sospensjoni jew limitazzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet jew permessi koperti mill-Artikolu 2(4) u 2(5) ta' dan il-Ftehim;
- l-Artikolu 4(1) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Ungerija;
- l-Artikolu 4(1) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u n-Netherlands;
- l-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 4(1) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Latvja;
- l-Artikolu 4(3) u (5) u l-Artikolu 5(1) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Litwanja;
- l-Artikolu 4(1) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Lussemburgu;
- l-Artikolu 4(1) tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Polonja;
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Iżvezja.

(c) Sikurezza:

- l-Artikolu 7 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Belġju;
 - l-Artikolu 12 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Estonja;
 - l-Artikolu 6 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Finlandja (2018);
 - l-Artikolu 9 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u Franza;
 - l-Artikolu 7 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Ungerija;
 - l-Artikolu 11 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u n-Netherlands;
 - l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Latvja;
 - l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Litwanja;
 - l-Artikolu 6 tal-Ftehim bejn il-Każakistan u l-Lussemburgu.
-

Lista ta' stati oħra msemija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

- (a) Ir-Repubblika tal-Iżlanda (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);
 - (b) Il-Prinċipat tal-Liechtenstein (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);
 - (c) Ir-Renju tan-Norveġja (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);
 - (d) Il-Konfederazzjoni Żvizzera (taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru).
-